**16 ta' Novembru, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Emauel Fava

**Abitazzjoni — Art. 121, Kap. 13.**

Il-Qorti, rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura tat-tmintax (18 ta' Ottubru 1963 li biha l-imputat Emanuel Fava ġie misjub ħati illi bejn il-wieħed u tletin (31) ta' Awissu u l-ewwel (1) ta' Settembru 1963, f'San Pawl il-Baħar, Xemxija, Shipwreck Promenade, Detroit uża fond għall-abitazzjoni kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 121 (1) (2), (3) u/jew bħala bniedem li joqgħod f'dan il-post ġie kompliċi f'din l-offiża ġie in forza tal-artikoli fuq imsemmija u l-artikoli 313, 314, 316 tal-Kap. 13 u art. 48 Kap. 12 kundannat għall-ammonizzjoni u riprensjoni.

Rat ir-rikors tal-imputat tat-tmintax (18) ta' Ottubru 1963 li bih l-appellant talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li huwa jiġi meħlus minn kwalunkwe ħtija u pena.

Semgħet bil-ġurament il-provi prodotti;

Semgħat lill-imputat bil-ġurament;

Trattat l-Appell mill-Avukat tal-Kuruna u d-difensur tal-imputat;

Ikkunsidrat:

Mill-provi rriżulta li fil-jum u post imsemmija fiċ-ċitazzjoni l-appellant kien rieqed fuq branda f'xi s-siegħa jew is-sagħtejn a.m. fil-bieb tal-boat-house msemmija li hija store, kif jammettu l-partijiet, imma ma huwiex maħżen intiż biex jinżammu bhejjem jew implementi tal-agrikoltura jew prodotti iżda però jista' jkun użat għall-irfiħ ta' merkanzija jew irfiħ ta' oġġetti, sabiex joħroġ fil-għodu kmieni jistad. F'dan il-post fejn instab l-imputat hemm iggaraġjat motor boat u m'hemmx mobbli barra żewġ siġġijiet, branda u żewġ armarji tal-"white deal". Id-dar tal-abitazzjoni tal-imputat tinsab il-

Hamrun u jirriżulta li huwa qatt ma ħa lill-familja jabitaw hemm. Lanqas ma jirriżulta li kien isajjar huwa l-għaliex kien jieħu kolazzjon miegħu.

Illi, apparti li l-liġi (art. 121 (1) Kap. 13) titkellem fuq il-kostruzzjoni ta' imħażen destinati partikolarment għall-irfih ta' merkanzija jew oġġetti u għall-animali u l-prodotti agrikoli u konservazzjoni tal-prodotti taħt dawk il-kondizzjonijiet hemm imsemmija jingħad ukoll li fit-tieni sub-paragrafu timpedixxi *li l-istores jistgħu jkunu wżati in toto jew in parte* għall-abitazzjoni imma l-fatt li l-imputat kien qiegħed jirposa fuq branda fil-bieb jew fuq l-għatba tal-maħżen sa ma jmur biex jistad filgħodu kmieni ma jikkostitwiex l-użu ta' dak il-maħżen għall-abitazzjoni, li tippresupponi ċerta abitwalità sabiex ikun jista' jingħad li l-istess post kien użat għal dak l-iskop.

*Illi kwindi l-imputazzjoni* addebitata lill-appellanti mhix ġustifikata mill-provi u f'dana s-sens il-Qorti tħoss li l-ewwel Qorti timmerita ċensura.

Illi xejn ma jservi li ħaddieħor fl-istess post u area ... mel użu minn imħażen oħra għal skop ta' abitazzjoni l-... liex dina l-Qorti għandha tara l-akkuża tissusistix fil-kon... ti tal-appellant u mhux ta' fatti kontravenzjonali ta' ħaddi...

Għal dawna r-raġunijiet

Tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u konsegwentement tiddikjara lill-imputat mhux ħati u tilliberah.